Vol 43
Nru 216
April - Ġunju 2022

# L-ART Imqaddsa

## RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2021

comalt@ofm.org.mt
www.co-malta.org

Qoxra Quddiem:
*Dehra mill-għoli taż-żona
arkeoloġika ta' Magdala*

# Werrej



6



16



21

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm

26




*6* **Magdala, il-Belt ta' Marija Maddalena**

*16* **Ix-Xmara tal-Ġordan fil-Bibbja**

*21* **Il-Passjoni tal-Profeta Ġeremija**

*26* **Katekeżi fuq San Ġwann Battista (4)**
**Ir-rwol ta' Ġwanni l-Battista, bħala xhud ta' Ġesù**

*34* **It-Tfittxija "Tal-Lhud" għal Ġesù fl-Evanġelju Skont San Ġwann**




34



## IL-KNISJA OMM TA' ĠERUSALEMM

Aħna l-Kattoliċi nassoċjaw il-Knisja Kattolika mal-belt ta' Ruma u mal-figura tal-Papa bħala suċċessur ta' San Pietru. Dan hu frott tal-istorja li rat lill-appostli Pietru u Pawlu jtemmu l-ħajja u l-missjoni tagħhom fil-kapitali tal-Imperu Ruman, fejn sofrew il-martirju. Ftit naħsbu li l-ħidma tal-appostli bdiet mhux fil-punent, imma fil-lvant. Ħafna mill-appostli kienu sajjieda madwar l-Għadira tal-Galilija meta Ġesù sejħilhom għal warajh. Pawlu ta' Tarsu, għalkemm ċittadin Ruman, kien Lhudi li studja Ġerusalemm, u li sar evanġelizzatur tal-pagani wara li Kristu sejjaħlu fit-triq lejn Damasku. Il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli jirrakkonta kif l-ewwel komunità Kristjana kienet twieldet wara l-predikazzjoni ta' Pietru u sħabu nhar Pentekoste, meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-appostli miġbura fiċ-Ċenaklu u dawn bdew jippridkaw u jiffurmaw il-komunità tad-dixxipli, li kienu lkoll "ruħ waħda u qalb waħda fit-tagħlim tal-appostli, fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb" (Atti 2,42).

Dawn il-ġrajjiet seħħew fil-belt ta' Ġerusalemm wara t-tlugħ tal-Mulej Ġesù fis-sema. Il-Knisja twieldet f'Ġerusalemm, minn fejn xterdet mad-dinja kollha magħrufa ta' dak iż-żmien. Ġerusalemm hi, għaldaqstant, il-benniena tal-Knisja, jew aħjar, il-



*Mons. Pierbattista Pizzaballa*



*Bandiera tal-Vatikan fuq il-Patrijarkat Latin*

Knisja-Omm li minnha tnisslu l-Knejjes kollha. L-importanza tal-Knisja ta' Ġerusalemm, li kienet magħmula l-aktar minn Lhud-Kristjani, tidher fl-Atti tal-Appostli fl-episodju tal-hekk imsejjaħ "Konċilju ta' Ġerusalemm" (Atti 15). F'din il-laqgħa niltaqgħu ma' Pietru, ma' Pawlu u Barnaba, u ma' Ġakbu u l-anzjani tal-Knisja, li kienu meqjusin bħala l-mexxejja spiritwali tal-komunità Kristjana ta' Ġerusalemm. Il-fatt li Pawlu ħass il-bżonn li jirreferi għall-"kolonni" tal-Knisja ta' Ġerusalemm (Kefa, Ġwanni u Ġakbu) kif hu jsejħilhom fl-Ittra lill-Galatin 2,9, jurina l-importanza ta' din il-Knisja fid-deċiżjonijiet iebsa dwar l-evanġelizzazzjoni tal-pagani li Pawlu kien qiegħed iwettaq fil-vjaġġi tiegħu.

Ġerusalemm tidher għaldaqstant bħala l-Knisja-Omm. Il-preżenza tal-komunità ħajja tal-Kristjani fil-belt ta' Ġerusalemm hi fundamentali biex nifhmu l-identità tal-Knisja anke fil-ġurnata tal-lum. San Pawl tant kien jagħti importanza lill-komunità Kristjana ta' Ġerusalemm li saħansitra organizza ġabra ta' karità mill-provinċji tal-Maċedonja u l-Akaja (il-Greċja tal-lum), biex iwassalhom lid-dixxipli foqra tal-Knisja ta' Ġerusalemm. Pawlu għallem lill-Kristjani konvertiti mill-paganeżimu li huma kellhom dejn lejn il-Knisja Omm, anzi li huma kienu fergħa ta' żebbuġa selvaġġa li Alla laqqamha fiz-zokk tal-poplu ta' Israel li kien aċċetta l-fidi fi Kristu (Rumani 9-11).

Fl-istorja twila ta' żewġ millennji l-preżenza Kristjana f'Ġerusalemm ma naqset qatt. Mhux biss fiż-żewġ perjodi li fihom il-Palestina kienet kollha kemm hi Kristjana, jiġifieri fl-era Biżantina (313 - 638) u fl-era Kruċjata tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm (1099-1291), imma wkoll fiż-żminijiet ta' persekuzzjoni kontra l-Lhud u l-Insara, bħalma kienu s-snin tat-tieni rewwixta tal-Lhud (wara s-sena 135), il-ħakma Musulmana f'xi mumenti partikulari, bħalma kienet il-persekuzzjoni tal-Fatimita al-Ħakim (mis-sena 1009), u fil-perjodu ta' ħakma tat-Torok

Ottomani (1517-1917), li fihom l-Insara kienu tollerati, imma sofrew diversi diffikultajiet. Il-Kristjani qatt ma tbiegħdu minn Ġerusalemm, b'mod partikulari dawk tar-riti Orjentali li kienu indiġeni għall-belt qaddisa (Sirjaċi) jew inkella li daħlu bikri u tħalltu mal-popolazzjoni lokali (Biżantini, Armeni, Kopti). Magħhom ukoll inżidu l-Latini, jew aħna l-Kattoliċi, li bqajna fl-Art Imqaddsa minn żmien il-Kruċjati, u l-aktar bil-miġja tal-Patrijiet Franġiskani f'Ġerusalemm (1229 u mbagħad mill-ġdid fl-1333) u bit-twaqqif tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa (1342).

Fi żminijiet aktar qrib tagħna d-diversi Knejjes komplew jgħixu bħala sinjal tar-rabta tagħhom mal-komunità tal-ewwel Insara, hekk li spiċċaw ukoll jgħixu flimkien f'xi santwarji importanti, bħalma huma l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u l-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem. Minkejja d-differenzi bejniethom, huma xorta jqisu lilhom infushom Kristjani tal-belt ta' Ġerusalemm, qabel kull denominazzjoni oħra li għandhom (Griegi, Armeni, Latini, Kopti, Sirjaċi). Ġerusalemm tidher bħala l-Knisja li minnha twieldu u xterrdu l-Knejjes kollha, u li fiha kull minn jemmen fi Kristu jista' jsib il-bidu tal-fidi tiegħu.

Il-Knisja Kattolika f'Ġerusalemm għandha wkoll l-istruttura djoċesana tagħha. Għalkemm għal diversi sekli, mill-1333 sal-1847, kienu l-Franġiskani waħedhom li kienu jgħixu fl-Art Imqaddsa u kellhom il-kura pastorali tal-Kristjani Latini (Kattoliċi), fl-1847 il-Papa Piju IX iddeċieda li jibgħat f'Ġerusalemm isqof djoċesan bit-titlu ta' Patrijarka Latin. It-titlu ta' Patrijarka jingħata lill-isqfijiet ta' bliet importanti li fihom l-appostli waqqfu komunitajiet kbar Kristjani (Antjokja, Lixandra, Kostantinopli, Ġerusalemm, Ruma). Fil-każ ta' Ġerusalemm l-isqof beda jkun "awtoċefalu" (indipendenti mill-Patrijarka ta' Antjokja) fil-Konċilju ta' Kalċedonja (451), u mbagħad kiseb it-titlu ta' Patrijarka fis-sena 531. L-ewwel isqfijiet ta' Ġerusalemm kienu Sirjaċi, warajhom kienu Biżantini (illum Griegi Ortodossi), bl-eċċezzjoni tal-era Kruċjata meta l-Patrijarka kien Latin (Kattoliku). Dan kollu wassal biex f'Ġerusalemm hemm tliet isqfijiet bit-titlu ta' Patrijarka, jiġifieri l-Patrijarka Grieg Ortodoss, il-Patrijarka Apostoliku Armen Ortodoss, u l-Patrijarka Latin.

Il-Patrijarka ta' Ġerusalemm tal-Latini, kif jissejjaħ illum, hu l-isqof djoċesan tal-Kattoliċi tal-Art Imqaddsa. Attwalment hu l-Patrijarka Pierbattista Pizzaballa, li hu wkoll Franġiskan li bejn l-2004 u l-2016 kien Kustodju tal-Art Imqaddsa. Il-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm jinfirex fuq l-Art Imqaddsa, il-Ġordanja u Ċipru, u għandu l-kleru lokali u diversi ħidmiet pastorali mhux biss fost l-Insara Kattoliċi tal-post, imma wkoll fost eluf ta' ħaddiema immigrati f'Israel, il-Palestina, il-Ġordanja u Ċipru. Il-parroċċi ewlenin tal-Patrijarkat għadhom dawk li tmexxi l-Kustodja Franġiskana f'Ġerusalemm, Betleħem u Nazaret, u għaldaqstant il-Patrijiet Franġiskani jaħdmu wkoll id f'id mal-Patrijarka Latin fil-qasam tal-pastorali tal-Kattoliċi fdati f'idejhom.

Meta nitkellmu dwar il-Knisja Kattolika għandna ċertament niftakru fil-belt ta' Ruma u fil-Papa, imma ma għandniex ninsew li l-Knisja-Omm ta' Ġerusalemm hi l-post li fih twieldet il-Knisja u fejn għadha tgħix. Aħna għandna dmir li nuru rispett u ngħinu b'mod speċjali lil din il-Knisja-Omm tal-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm.


Marija ta’ Magdala

# MAGDALA, IL-BELT TA’ MARIJA MADDALENA

***Noel Muscat ofm***

*Siti evanġeliċi madwar l-Għadira tal-Galilija [II]*

Magdala kienet belt importanti fuq ix-xatt tal-punent tal-Għadira tal-Galilija, proprju fil-post li fih il-Wadi Ħamâm jisbokka fil-pjanura dejqa ta' madwar l-Għadira, u taħt l-irdumijiet għoljin ta' Arbel (181 metru fuq il-livell tal-baħar Mediterran u 380 metru fuq il-livell tal-Għadira). L-għolja ta' Arbel, li hi Park Nazzjonali Israeljan, fiha l-fdalijiet ta' fortizza-kastell bl-għerien kif ukoll sinagoga tal-era Biżantina. Illum il-belt ta' Magdala ta' żmien Ġesù ma għadhiex teżisti, imma nstabu ħafna fdalijiet arkeoloġiċi tagħha. Minn dan jidher li Magdala kienet belt importanti fuq xatt l-Għadira, nofs triq bejn Tiberija u Kafarnahum. Għalina Magdala għandha tifsira speċjali, għax kienet il-belt li fiha kienet tgħix l-akbar waħda fost id-dixxipli nisa ta' Ġesù li jsemmu l-Evanġelji, jiġifieri Marjam, jew Marja, ta' Magdala, l-ewwel xhud tal-qawmien tal-Mulej Ġesù (Ġw 20,11-18).


*L-irdum ta' Arbel u Wadi Ħamâm*

## L-isem Magdala

Magdala hu l-isem ta' din il-belt li bil-Lhudi tissejjaħ Migdal. Dan hu isem Lhudi li jfisser "torri". Din il-belt kellha wkoll isem Grieg. Kienet tissejjaħ Ταριχέα (Tarichéa), isem li ġej mill-kelma Τάριχος (Tárichos), li tindika post li fih jiġi mmellaħ il-ħut. Dan l-isem Grieg jinsab ukoll indikat bil-Lhudi fit-Talmud, li jsejjaħ il-belt Migdal Nunaya, appuntu "Torri tal-ħut." Dan jurina li Magdala kienet belt importanti għas-sajd fl-Għadira tal-Galilija fi żmien Ġesù. Storiċi famużi, bħal Josephus Flavius, Strabo, Pliny l-Kbir, Ċiċerun u Svetonju, jsemmu l-importanza ta' din il-belt li fiha kien jinġieb kwantità kbira ta' ħut biex jiġi mmellaħ u mbagħad esportat f'diversi bliet, saħansitra f'ħafna bliet tal-Imperu Ruman li kienu bogħod ħafna mill-Palestina.

Magdala kienet waħda mill-bliet prinċipali tal-Galilija tan-nofsinhar, flimkien ma' Tiberija, Sefforis, Kafarnahum, Yodfat u Nazaret. Tinsab xi 4.5 kilometri lejn it-tramuntana ta' Tiberija, li kienet inbniet minn Erodi Antipas fis-snin 17-20 w.K. u li kienet il-kapitali tal-Galilija. Fuq ix-xaqliba tal-majjistral tal-Għadira hemm imbagħad il-fdalijiet tal-belt ta' Kafarnahum, "il-belt ta' Ġesù", li tinsab xi 8 kilometri bogħod minn Magdala. Dan kollu jgħinna nifhmu li, għalkemm fl-Evanġelji qatt ma jissemma li Ġesù għadda minn Magdala, din il-belt Lhudija kienet ċentru importanti fit-triq li minn taħt l-Għoljiet ta' Arbel kienet twassal lejn ix-xatt tat-tramuntana tal-Għadira u tkompli lejn l-Għoljiet tal-Golan. Kien x'aktarx minn din it-triq li kien jgħaddi Ġesù, u mhux minn Tiberija, li kienet belt interdetta għal-Lhud. Għaldaqstant hemm probabbilità kbira li Ġesù għadda diversi drabi minn Magdala fi triqtu lejn Kafarnahum.

Anke llum il-pellegrini li jinżlu minn Nazaret lejn l-Għadira tal-Galilija għadhom jagħmlu, bejn wieħed u ieħor, l-istess traġitt. Fil-fatt, it-triq li

minn Nazaret tinżel fl-Għadira tgħaddi mill-irħula ta' Reine u Kefar Kanna (Kana), biex imbagħad iddur lejn il-lvant tul il-wita ta' Tur'an sal-Golani Junction, biex imbagħad iddur lejn it-tramuntana u l-grigal u tibda nieżla maġenb il-wita ta' Netofa, sakemm tasal proprju taħt l-Għolja ta' Arbel u tisbokka fuq l-Għadira tal-Galilija eżatt fejn hemm ir-rovini ta' Magdala.

Ġeografikament il-belt kienet tinsab fejn kienu jiltaqgħu flimkien żewġ toroq, waħda li kienet tiġi appuntu minn Wadi Ħamâm u ddur lejn it-tramuntana tal-Għadira, triq imsejħa *Via Maris*, "it-Triq tal-Baħar," u li kienet tiġi minn Sefforis u tibqa' tielgħa lejn il-Golan u lejn Damasku, u l-oħra li kienet tinżel lejn Tiberija u tkompli lejn il-Wied tax-xmara Ġordan. L-arkeoloġi jgħidulna li kienet belt sinjura ħafna, u forsi kienet tasal anke sa 40 elf abitant fil-popolazzjoni tagħha, hekk li llum nafu li Magdala setgħet kienet l-aktar belt importanti tal-Għadira, aktar mill-istess Tiberija u minn Kafarnahum.

Barra mill-industrija tal-ħut imnixxef u mmellaħ, li kienet l-attività ekonomika ewlenija, Magdala kienet ukoll tgħix bl-attività kummerċjali tal-insiġ u tal-bejgħ tal-ħamiem għas-sagrifiċċji fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Fil-fatt, l-isem Wadi Ħamâm jindika, appuntu il-Wied tal-Ħamiem. Wara l-belt għad hemm wita fertili ħafna, li mbagħad tkompli fil-Wita ta' Ginnosar (Ġennesaret). Għaldaqstant il-belt kellha wkoll diversi artijiet agrikoli f'żona li fiha jikber ħafna frott sub-tropikali, minħabba l-klima sħuna u l-ilma abbundanti li jnixxi minn taħt l-irdumijiet ta' Arbel. Il-ħamrija taż-żona hi fertili ħafna, minħabba l-fatt li ż-żona kollha tal-Għadira hi vulkanika u l-ħamrija sewdiena hi tassew tajba biex fiha jikbru kull xorta ta' ħxejjex, frott, siġar tal-palm u dwieli.

## Magdala fl-istorja

Mit-tiftix arkeoloġiku li sar kemm mill-Franġiskani fil-proprjetà tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, kif ukoll mill-arkeoloġi tal-Israeli



*Il-Knisja ta' Magdala -Duc in altum*

Antiquities Authority u l-Leġjunarji ta' Kristu, li għandhom il-parti l-ġdida li nstabet fl-iskavi, jidher li din il-belt kienet fjorenti fi żmien Ġesù, imma li fis-sena 67 w.K. daħlet f'perjodu ta' dekadenza minħabba l-qerda li sofrew diversi bliet wara l-ewwel rewwixta tal-Lhud kontra r-Rumani. Fl-epoka Biżantina tissemma knisja li kienet inbniet fejn it-tradizzjoni kienet issostni li kienet tinsab id-dar ta' Marija ta' Magdala. Diversi pellegrini jsemmu din il-knisja, saħansitra f'epoka Kruċjata. Sfortunatament sal-lum la l-knisja u lanqas il-fdalijiet tad-dar tal-Maddalena ma nstabu.

Sa mis-seklu 6 il-belt ta' Magdala kienet magħrufa bħala l-belt ta' Marija Maddalena. Il-knisja Biżantina li nbniet fuq id-dar ta' Marija hi dokumentata fis-seklu 8. L-isqof Epiphanios jgħid li din kienet id-dar li fiha Ġesù kien mar biex jeħles lil Marija minn seba' xjaten, riferiment għal dak li jgħid San Mark f'dik li hi meqjusa bħala żjieda mal-Evanġelju tiegħu: "Wara li qam mill-mewt filgħodu kmieni fl-ewwel jum tal-ġimgħa Ġesù deher l-ewwel lil Marija ta' Magdala, li minnha kien keċċa seba' xjaten" (Mk 16,9). Din il-knisja jingħad li kienet ġiet mibnija minn Sant'Elena, almenu jekk noqogħdu għal dak li nsibu fil-ħajja tal-


*Skavi tas-Sinagoga ta' Magdala*

Imperatur Kostantinu (*Vita Constantini*, VIII, 49-50).

Id-dar tal-Maddalena tissemma' wkoll f'epoka Kruċjata minn Danjel l-Abbati fl-1106-1108. Pellegrini oħrajn isemmu li żaru Magdala, imma ma jsemmux li hemmhekk kien hemm knisja. Fl-1283 żar id-dar-knisja ta' Santa Marija Maddalena l-pellegrin Burcardo tal-Għolja ta' Sijon. Lejn tmiem l-istess seklu l-pellegrin Dumnikan Ricoldo di Monte Croce jikteb li, nofs triq bejn Tabgha u Tiberija: "hemm ir-raħal (*castellum*) ta' *Magdalum*, fuq ix-xatt tal-Għadira ta' Ġennesaret. Hemmhekk aħna bkejna, għaliex sibna li l-knisja sabiħa mhux talli ma kinetx meqruda, imma kien għad kellha s-saqaf; hemmhekk aħna kantajna u ppridkajna l-Evanġelju li jitkellem dwar Marija Maddalena." Dan hu l-aħħar aċċenn li nsibu għal din il-knisja fuq id-dar ta' Marija ta' Magdala. Fl-1626 Francesco Quaresmi jsemmi li n-nies kienu jgħidu li hemmhekk kien hemm id-dar tagħha, għalkemm fi żmienu din kienet għoddha mġarrfa għal kollox.

Sal-bidu tas-seklu 20 hawnhekk kien hawn raħal

żgħir ta' sajjieda Palestinjani, li kien jismu al-Magdal, mibni fuq il-fdalijiet tal-bini ta' żmien il-Biżantini u l-Kruċjati. Fil-gwerra tal-indipendenza ta' Israel fl-1948 dawn l-abitanti ġew imkeċċija u r-raħal ġie meqrud. Illum il-ġurnata, ftit 'il ġewwa mill-fdalijiet arkeoloġiċi hemm raħal Lhudi li jismu Migdal, kif ukoll diversi ristoranti tal-pellegrini li faqqsu f'dawn l-aħħar deċennji meta n-numru ta' pellegrini fiż-żona żdied ġmielu.


*Iż-żona arkeoloġika Franġiskana ta' Magdala*

## L-iskavi fiż-żona tal-Franġiskani

L-ewwel żona arkeoloġika ta' Magdala li fiha saru studji kienet dik li akkwistaw il-Franġiskani fl-1889. Din iż-żona hi magħluqa u tidher eżattament lejn il-lemin ta' min jasal Magdala mit-triq ta' Wadi Ħamâm. Hi żona qrib ħafna tax-xatt tal-Għadira u fiha nstabu diversi elementi arkeoloġiċi tal-qedem, għalkemm illum, kif nafu, instabu ħafna fdalijiet oħrajn tal-belt fiż-żona ta' maġenbha li ġiet akkwistata mil-Leġjunarji ta' Kristu.

L-arkeologu Franġiskan Bellarmino Bagatti studja xi dokumenti fl-arkivji tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa f'Ġerusalemm, li jindikaw fdalijiet ta' knisja b'abside u ġebla li fuqha hemm minqux salib bid-data 1389 qrib Birqat Sitti Mariam, dejjem fiż-żona magħluqa tal-Franġiskani. Instabu wkoll fdalijiet ta' binja b'abside u volta, imma li x'aktarx ma kinetx knisja, u ġew studjati fl-1930 fiż-żona tan-nofsinhar ta' din il-proprjetà.

Fl-1971 iż-żewġ arkeoloġisti Franġiskani magħrufa għall-iskavi li għamlu f'Kafarnahum, jiġifieri Patri Virgilio Corbo u Patri Stanislao Loffreda, għamlu skavi fiż-żona tan-nofsinhar tal-proprjetà Franġiskana. Huma kixfu dak li jidher speċi ta' Forum Ruman mibni b'ġebel iswed vulkaniku tal-basalt, sabu wkoll villa Rumana u binja oħra li huma ħasbu li kienet fdal ta' sinagoga. Imma l-akbar sejba tagħhom kienu l-fdalijiet ta' monasteru tas-sekli 5-8 fl-epoka Biżantina. Antikament dan il-monasteru kien imdawwar b'ħajt, u fih instabu fdalijiet tal-kappella ċentrali, diversi ambjenti monastiċi u ċelel ta' rħieb, li xi mindaqqiet fihom ukoll fdalijiet ta' mużajċi. Sabu wkoll katusi għall-ilma, fdalijiet ta' torri (li huma sejħulu "torri tal-ilma") u ambjent li fih kienu jiġu milqugħin il-mistednin. Il-monasteru kellu daħla li kienet tagħti fuq it-triq prinċipali li fiha ċangatura tal-ġebel kwadri, u li kienet twassal direttament fil-port ta' Magdala. Instab ukoll il-moll li miegħu kienu jorbtu d-dgħajjes, u li llum jinsab xi ftit 'il ġewwa mill-Għadira, li l-livell tagħha jinżel u li forsi fi żmien Ġesù kienet aktar għolja minn kif tinsab illum.

Fl-2007-2009 dawn l-iskavi tkomplew mill-arkeologu Franġiskan Stefano de Luca, li kompla jirfina s-sejbiet ta' Corbo u Loffreda, l-aktar dwar kif kienet is-sistema idrika (it-tqassim tal-ilma) fil-belt. Attwalment iż-żona Franġiskana mhijiex normalment miftuħa għall-pellegrini, billi ma kienx hemm patrijiet li jgħixu

b'mod stabbli f'dan il-post, u ma hemm l-ebda struttura li tista' tilqa' l-pellegrini li jridu jitolbu. Hu maħsub li, issa li nfetħet iż-żona l-ġdida tal-iskavi li saru fil-proprjetà tal-Leġjunarji ta' Kristu, anke ż-żona Franġiskana tista' tipprovdi element kumplementari għaż-żjara gwidata, l-aktar biex wieħed jifhem aħjar l-istruttura tal-port ta' Magdala.

## L-iskavi fiż-żona tal-Leġjunarji ta' Kristu

Fis-snin 2006-2009 il-Leġjunarji ta' Kristu li huma preżenti fl-Art Imqaddsa u huma responsabbli min-Notre Dame Pilgrims Hotel ta' Ġerusalemm, akkwistaw biċċa art kbira fuq ix-xaqliba tat-tramuntana taż-żona Franġiskana, li tidħol għaliha appena ddur lejn ix-xellug mit-triq li tinżel lejn l-Għadira minn Wadi Ħamâm. Illum il-ġurnata f'dan il-post hemm ċentru kbir u sabiħ biex jilqgħu l-pellegrini, li jinkludi l-Magdala Pilgrims Centre and Archaeological Park u l-knisja *Duc in altum* bil-kripta u l-atriju, iddedikati lill-persunaġġi nisa fil-ħajja pubblika ta' Ġesù.

Fis-sena 2002, qabel ma din iż-żona ġiet akkwistata, l-Israeli Antiquities Authority għamlet xi skavi preliminari lil hinn miż-żona tal-Franġiskani. Imma wara li ż-żona bdiet tiġi żviluppata bħala ċentru tal-pellegrini, fis-sena 2009 l-arkeoloġi Israeljani Dina Avshalom-Gorni u Arfan Naijar tal-Israeli Antiquities Authority, skoprew fdalijiet tas-sinagoga ta' Magdala. Il-fdalijiet arkeoloġiċi ta' fuħħar u muniti li nstabu juru li din hi sinagoga tal-1 seklu tal-era Kristjana. Mela kienet teżisti fi żmien Ġesù u meta Marija ta' Magdala kienet tgħix f'din il-belt. Bħala sinagoga hi eqdem mis-sinagoga monumentali ta' Kafarnahum, li nafu li għalkemm kienet teżisti fi żmien Ġesù, dik li naraw illum hi tas-seklu 5 u s-sinagoga oriġinali x'aktarx li kienet taħtha fil-pedamenti tas-"sinagoga l-bajda" li naraw illum.

Is-sinagoga ta' Magdala hi unika għax fiha nstabet art tal-mużajċi u l-ħitan


*Il-paviment mużajkat tas-Sinagoga bir-rużun u bil-Ġebla mnaqqxa*

tagħha fil-partijiet li fihom għadhom weqfin juru li kienu miksija minn affreski kkuluriti. Is-sala prinċipali ta' din is-sinagoga, għalkemm żgħira, turi struttura tipika sinagogali, forma rettangolari bil-bankijiet tal-ġebel madwar. L-aktar element importanti f'din is-sinagoga hi ġebla rettangulari kbira li fiha xi skulturi, u li nstabet taħt kolonna mwaqqgħa. L-iskulturi jidhru kemm mal-erba' ġnub tal-ġebla kif ukoll fil-wiċċ tagħha. Fuq il-faċċata hemm rappreżentazzjoni antika ħafna tal-*Menorah*, il-kandelabru b'seba' friegħi, imqiegħed fuq pedestall. Fuq żewġ naħat oħrajn huma rappreżentati rilievi ta' arkati bil-pilastri. Fuq il-wiċċ tal-ġebla rettangolari hemm tinqixa ta' fjura b'sitt petali f'rużetta tonda, u fuq il-ġnub tagħha huma minquxa żewġ siġriet tal-palm. Din ir-rużetta bil-fjuri hi simbolu li nsibuh ripetut fl-art mużajkata tas-sinagoga kif ukoll fiż-żona li fiha nstabu banjijiet ritwali. Il-parir tal-esperti arkeoloġi hu li din il-ġebla unika x'aktarx kienet tintuża bħala bażi biex fuqha jitqiegħdu r-rotoli tat-Torah meta tinqara l-Iskrittura fis-sinagoga. Interessanti li din is-sinagoga mhijiex orjentata lejn Ġerusalemm, kif normalment huma s-sinagogi kollha, bħal dik ta' Kafarnahum. Jidher li kienet tiffunzjona fi żmien meta t-Tempju ta' Ġerusalemm kien diġà inqered mir-Rumani fis-sena 70 w.K., u din hi x'aktarx ir-raġuni għaliex hemm dawn is-simboli kollha minquxin fuq il-ġebla li jfakkruna fit-Tempju (*Menorah*, pilastri u arkati).

Fix-xaqliba tan-nofsinhar tas-sinagoga nstabet binja li turi li kienet xi suq jew żona ta' produzzjoni artiġġjanali. Instabu wkoll sistemi idriċi biex jinġieb l-ilma. Fuq ix-xaqliba tal-punent ta' din l-istruttura nstabet triq tal-ġebel vulkaniku tal-basalt li fiha diversi daħliet għal dawk li setgħu kienu ħwienet li fihom kien hemm ukoll fran tal-fuħħar.

Ġiet skavata wkoll iż-żona tal-port ta' Magdala li tkompli anke hawnhekk mill-proprjetà tal-Franġiskani. Instabu fdalijiet ta' triq magħmula minn ġebel vulkaniku u ġebel tal-franka, kif ukoll żona ta' suq li kien hemm maġenb l-Għadira.

Bil-permess tal-awtoritajiet Israeljani, fis-snin 2012-2013 saru wkoll skavi mill-arkeologa Marcela Zapata Meza mill-Universidad Anáhuac tal-Messiku. Din sabet fdalijiet ta' banjijiet ritwali (*miqva'ot*) li kien jasal l-ilma fihom minn taħt l-art. Iż-żona tal-banjijiet ritwali li nstabu sa issa hi magħmula minn żewġ strutturi tal-ġebel tal-basalt mifrudin minn xulxin minn triq. Waħda mill-kmamar fiha paviment mużajkat bl-istess simbolu tal-warda fir-rużun, din id-darba bi tmien petali, l-istess simbolu li kif rajna jinsab fis-sinagoga.

Fl-2014 il-Leġjunarji ta' Kristu bnew knisja kbira fil-park arkeoloġiku, li għandha veduta diretta fuq l-Għadira mit-twieqi kbar li hemm fuq il-presbiterju. Il-knisja tidħol għaliha minn vestibolu ċirkulari li jfakkar l-isem ta' Marija ta' Magdala u tan-nies l-oħrajn tal-Evanġelju li kienu dixxipli ta' Ġesù. Fuq il-presbiterju l-altar hu mibni fi struttura ta' dgħajsa, li magħha huma inklużi l-ambone u t-tabernaklu, filwaqt li l-arblu ċentrali jifforma s-salib. Din l-istruttura ġiet ispirata mill-mużajk li jirraffigura dgħajsa u li jinsab fil-proprjetà tal-Franġiskani fiż-żona arkeoloġika li kważi tmiss ma' dan il-park arkeoloġiku. Fil-kripta hemm kappella li fiha pittura sabiħa tal-mara li messet it-tarf tal-mantell ta' Ġesù li fejjaqha mill-emorraġija fil-belt ta' Kafarnahum. F'din il-kripta hemm paviment li għadu magħmul miċ-ċangatura tal-ġebel oriġinali ta' xi triq jew pjazza tal-belt fi żmien Ġesù.

## Il-figura evanġelika ta' Marija ta' Magdala

Il-figura ta' Marija ta' Magdala fl-Evanġelji ġiet interpretata b'modi differenti fit-tradizzjoni tal-kult tal-

Knisja. L-evanġelista Luqa jagħtina lista ta' nisa li kienu saru dixxipli ta' Ġesù: "Wara dan huwa qagħad idur l-ibliet u l-irħula, jippriedka u jxandar l-Evanġelju tas-Saltna ta' Alla. Kellu miegħu t-Tnax u xi nisa li kien fejjaqhom mill-ispirti ħżiena u mill-mard; Marija, li kienu jgħidulha ta' Magdala, li minnha kienu ħarġu seba' xjaten, Ġwanna, mart Ħuża, prokuratur ta' Erodi, Susanna, u ħafna oħrajn, li kienu jaqduhom minn ġidhom" (Lq 8,1-3). Luqa jitkellem tipikament dwar in-nisa dixxipli ta' Ġesù, u jirreferi għal Marija ta' Magdala bħala mara li kienet inħelset minn possessjoni djabolika qawwija (seba' xjaten) bil-qawwa tal-Mulej Ġesù. L-istess jgħid l-evanġelista Mark 16,9.

Marija ta' Magdala kienet dik li waqfet ma' Marija u mad-dixxiplu l-maħbub taħt is-salib tal-Mulej, u li kienet xhud tad-difna tiegħu. San Ġwann jgħidilna: "Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala" (Ġw 19,25). Rigward id-difna l-Evanġelji Sinottiċi jsemmu l-preżenza ta' Marija ta' Magdala. San Mattew: "Iżda Marija ta' Magdala u Marija l-oħra baqgħu hemm bilqiegħda biswit il-qabar" (Mt 27,61). San Mark: "Marija ta' Magdala u Marija omm Ġosè qagħdu jaraw fejn tqiegħed" (Mk 15,47). San Luqa: "In-nisa, li kienu ġew mill-Galilija ma' Ġesù marru wara Ġużeppi u raw il-qabar u kif kienu qiegħdu l-katavru; mbagħad reġgħu lura u ħejjew il-fwejjaħ u l-mirra" (Lq 23,55-56).

Fuq kollox Marija ta' Magdala hi x-xhud kwalifikat tal-qawmien tal-Mulej Ġesù. Fl-Evanġelji Sinottiċi hi tidher flimkien man-nisa l-oħra, li nhar Ħadd il-Għid filgħodu kmieni jsibu l-qabar miftuħ u vojt. San Mattew: "Meta għadda s-Sibt, maż-żerniq tal-ewwel jum tal-ġimgħa, Marija ta' Magdala u Marija l-oħra marru jaraw il-qabar"



(Mt 28,1). San Mark: "Meta għadda s-Sibt, Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu, u Salome xtraw xi fwejjaħ biex imorru jidilkuh bihom. U kmieni ħafna fl-ewwel jum tal-ġimgħa, kif telgħet ix-xemx marru ħdejn il-qabar" (Mk 16,1). San Luqa juri kif "kmieni mas-sebħ tal-ewwel jum tal-ġimgħa marru ħdejn il-qabar u ħadu magħhom il-fwejjaħ li kienu ħejjew. Huma sabu l-ġebla mgerrba minn quddiem il-qabar, imma meta daħlu fih, il-katavru tal-Mulej Ġesù ma sabuhx hemm […] Telqu lura minn ħdejn il-qabar u marru jagħtu l-aħbar ta' dan kollu lill-Ħdax u lill-oħrajn kollha. Kienu Marija ta' Magdala u Ġwanna u Marija ta' Ġakbu u n-nisa l-oħra li kellhom magħhom; huma kienu li qalu b'dan lill-appostli" (Lq 24,1-3.10).

Ir-rwol ta' Marija ta' Magdala bħala xhud kwalifikat tal-qawmien tal-Mulej Ġesù jidher l-aktar fir-rakkont ta' San Ġwann: "Marija baqgħet 'il barra mill-qabar, tibki. Kif kienet qiegħda tibki, tbaxxiet lejn il-qabar, u rat żewġ anġli lebsin l-abjad, bilqiegħda, wieħed in-naħa tar-ras u l-ieħor in-naħa tar-riġlejn fejn kienu qiegħdu l-ġisem ta' Ġesù. Huma qalulha: 'Mara, għalfejn qiegħda tibki?' Hi wieġbet: 'Għax ħadu lil Sidi, u ma nafux fejn qegħduh.' Kif qalet hekk, daret lura u rat lil Ġesù wieqaf, iżda ma ntebħitx li kien Ġesù. Ġesù qalilha: 'Mara, għalfejn qiegħda tibki? Lil min qiegħda tfittex?' Hi ħasbet li kien il-ġardinar, u qaltlu: 'Sinjur, jekk ħadtu int minn hawn, għidli fejn qegħedtu, u jiena nġibu lura.' Ġesù sejħilha: 'Marjam!' Hi daret u qaltlu bil-Lhudi: 'Rabbuni!', jiġifieri Mgħallem. Ġesù qalilha: "La tmissnix, għax għadni ma tlajtx għand il-Missier; imma mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom.' Marija ta' Magdala marret għand id-dixxipli u tathom l-aħbar: 'Rajt lill-Mulej'" (Ġw 20,11-18).

Dawn it-testi evanġeliċi jirreferu espliċitament għar-rwol ta' Marija ta' Magdala, li l-Papa Franġisku sejħilha "l-appostla tal-appostli" (22 ta' Lulju 2016) minħabba l-primat tagħha bħala l-ewwel xhud kwalifikat tal-Mulej Ġesù irxuxtat.

Tradizzjoni antika fil-Knisja torbot ukoll lil Marija ta' Magdala mal-figura tal-mara midinba li tersaq qrib Ġesù fid-dar ta' Xmun il-Fariżew biex taħsillu riġlejh bid-dmugħ tagħha u tixxottahomlu b'xagħarha, u tidlikhomlu b'żejt ifuħ (Lq 7,36-50). Dan ir-rakkont tipiku ta' Luqa hu riżultat tal-istil Lukan li juri lil Ġesù bħala dak li ġie biex jaħfer lill-midinbin. Din il-mara misterjuża ta' spiss ġiet marbuta mal-figura tal-Maddalena, li għalhekk saret ukoll l-emblema tal-qaddisa penitenti. Għalkemm din it-tradizzjoni hi pjuttost tardiva u mhux aktar antika mis-seklu 6, ir-rabta mal-Maddalena li minnha Ġesù kien keċċa seba' xjaten tista' tkun possibilità remota. Rigward il-figura ta' Marija, oħt Lażżru u Marta ta' Betanja, li tissemma' fl-Evanġelju ta' San Ġwann fir-rakkont tal-qawmien mill-imwiet ta' Lażżru (Ġw 11,1-44) u fir-rakkont tal-ikla li fiha hi ssawwab żejt ifuħ ta' nard pur fuq ras Ġesù bi tħejjija għad-difna tiegħu (Ġw 12,1-8), u fir-rakkont ta' San Luqa dwar iż-żjara ta' Ġesù fid-dar ta' Marta u Marija (Lq 10,38-42), it-tradizzjoni ta' Ġerusalemm hi ċara li din mhijiex Marija ta' Magdala, imma Marija, oħt Marta u Lażżru. Fil-fatt, fil-kalendarji liturġiċi ta' Ġerusalemm, iż-żewġ persunaġġi nisa huma ċċelebrati b'mod distint: Marija ta' Magdala fit-22 ta' Lulju u Marija, Marta u Lażżru flimkien fid-29 ta' Lulju.

Iż-żona arkeoloġika ta' Magdala, li llum il-ġurnata reġgħet ħarġet għad-dawl u hi ċentru popolari tal-pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa, hi prova tal-preżenza ta' Ġesù madwar l-Għadira tal-Galilija u tas-sejħa għad-dixxipulat li hi miftuħa għal dawk kollha li, bħal Marija ta' Magdala, jimxu wara Ġesù mill-

Galilija sal-Kalvarju u sal-Qabar vojt tar-Riżurrezzjoni.

**Riferenzi:**

Denys PRINGLE, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Volume II • L-Z (excluding Acre and Tyre), Cambridge University Press 2009, 28. H. FÜRST - G. GEIGER, *Terra Santa. Guida Francescana per Pellegrini e Viaggiatori*, Edizioni Terra Santa, Milano 2017, 162-166. Andrea Garza-Diazbarriga, *The Archaeological Excavations at Magdala* (19 April 2018), in www.worldhistory.org



# IX-XMARA TAL-ĠORDAN FIL-BIBBJA

*Fr Charles Buttigieg*

Ix-xmara Ġordan (Hay-Jarden jew bl-Għarbi 'esh-Sheria') taqsam il-Palestina fuq in-naħa tal-Lvant u għalhekk fin-naħa opposta tal-Mediterran jew il-Baħar il-Kbir kif inhu msejjaħ fil-Bibbja (bl-Ebrajk: 'Yam Haggadol'). Fin-naħa ta' isfel tax-xmara fuq in-naħa tal-Punent insibu l-Ġudeja fejn insibu l-belt ta' Ġerusalemm u fuq in-naħa tal-Lvant il-Pereja fejn kien hemm it-tribujiet ta' Reuben, Gad u Manasse, u l-Mowab fejn il-muntanji tal-Mowab jilħqu t-3000 pied, fin-naħa tan-nofs fuq il-punent tagħha għandna s-Samarija u fil-Lvant hemm il-Gilejad u d-Dekapolis fejn insibu għaxart ibliet u fin-naħa ta' fuq fil-punent insibu l-Galilija u fin-naħa tal-Lvant il-Golan u l-Basan. Hija x-xmara qaddisa li nsibu fiż-żewg Testmenti tal-Bibbja, hija x-xmara prinċipali tal-Art Imqaddsa. Hija msemmija 198 darba fil-Bibbja. Hija x-xmara li fiha San Ġwann il-Battista kien jgħammed lill-poplu u għalhekk hija xmara marbuta mal-immersjoni u mal-magħmudija. Il-pożizzjoni ġeografika tagħha kienet importanti ħafna billi tinsab bejn l-Egittu u l-Mesopotamja.

Fil-Ġenesi kap 13:10, hi msemmija bħala l-ġnien ta' Alla. Hija magħrufa bħal sorz ta' fertilità għall-popli antiki. Hija twila b'kollox 104 mili jekk nikkalkulaw t-tidwir tagħha tasal sa 175 mil. Għandha wisgħa medja ta' 100 pied u fond tasal sa' 10 piedi. Hija x-xmara ta' Lot, tal-Patrijarka Ġakobb, Ġoswè, tal-imħallef Gidejon, ta' David (ara 2 Sam 19), tal-profeta Elija, tal-profeta Eliżew, tas-sultan Naaman tas-Sirja, u ta' Ġuda l-Makkabew. Serviet ta' mogħdija għal diversi popli. Hija ix-xmara ta' ilma ħelu u tal-fejqan u ta' bosta mirakli u għeġubijiet ta' Alla. Hija xmara sagra bħalma nsibu f'reliġjonijiet oħra għax-xmajjar Nil, Ganges u t-Tevere.

Il-bidu u l-oriġini ta' din ix-xmara twila, hija proprju fin-naħat ta' Hasbani taħt il-muntanja 'Hermon' fil-Libanu li hija għolja 2020 metru li tinsab in-naħa ta' fuq tal-Palestina, minn naħa tal-Libanu, fejn il-quċċata tagħha hija dejjem miksija bil-borra. Ix-xmara Ġordan (bl-Għarbi: esh-Sheria) tibqa' niezla 'l isfel minn Nahr el-Hasbani, mill-għadajjar Hule jew Semochonitisb (hawnhekk



hija kważi mal-livell tal-baħar Mediterran) qrib Abel-beth-maacah, u tibqa' sejra għall-baħar tal-Galilija jew l-għadira ta' Tiberija jew il-Kinneret (li tinsab 212-il metru taħt il-livell tal-baħar) u tibqa' sserrep 'l isfel sal-Baħar il-Mejjet sal-Għaraba li huwa 400 metru taħt il-livell tal-baħar Mediterran, li tagħmlu bħala wieħed mill-iktar postijiet baxxi fid-dinja. Huwa stmat li x-xmara Ġordan tbattal mal-5 miljun tunnellata ta' ilma f'ġuranta waħda fil-Baħar il-Mejjet. Il-qiegħ tal-Baħar il-Mejjet jew tal-Qatran jew tal-Lot jew tal-Melħ (ara Numri 34:3) jew il-baħar tal-Lvant (Eżekjel 47:18) jew il-baħar ta' Arabah (ara Ġożwè 12:3) jmiss il-793 metru taħt il-livell tal-baħar u huwa wiesa' xi 11-il mil b'tul ta' 53 mil. Għalhekk mill-Hermon, jigifieri minn fejn tibda l-Ġordan sal-Baħar il-Mejjet hemm niżla ta' 3000 pied. Minn naħa l-oħra rridu ngħidu wkoll li ż-żona tax-xmara Ġordan hija żona wkoll pjuttost siżmika bejn l-Afrika u l-Asja. Il-Baħar il-Mejjet huwa fond madwar 1250 pied.

L-ewwel villaġġ li insibu fin-naħa ta' fuq ta' din ix-xmara huwa Banias (bl-Għarbi) jew Baniyas (Panium jew Paneas b'rabta mal-alla pagan Pan) imsemmija minn Erodi Filippu bhala Ċesareja ta' Filippi (kienet ukoll imsemmija 'Neroneas' għal Neruni) fejn Pietru stqarr li Ġesù huwa l-Messija. Hawnhekk insibu wkoll l-għadira Phiale. Xi erba' mili 'il bogħod minn Banias insibu n-nixxigħat ta' Leddan fir-regjun ta' Dan kif ukoll Tell-el-Kadi. Minnha joħorġu xmajjar żgħar li huma l-Yarmuk (qrib Basan u Rammot), il-Jabbok (Illum Jerka) li tmur lejn Gilejad fl-art ta' Gad fejn Ġakobb kien iġġieled mal-anġlu (ara Ġenesi 32:22-31), il-Jalud, il-Hesbon, l-Arnon li hija fonda ħafna (fil-Mowab), u z-Zered (qrib Edom u Petra). Ic-Ċisġordanja tinsab fuq il-punent tal-Ġordan u t-Transġordanja hi 'l hinn mill-Ġordan. Fic-Ċisġordanja hemm il-Galilija, is-Samarija u Ġuda u fit-Transġordanja hemm l-art ta' Basan, il-Mowab, Edom, Pereja, u d-Dekapolis.





Il-kelma 'Ġordan' ġejja mill-Ebrajk 'yarad' li tfisser 'tinżel' għaliex proprju din ix-xmara tinżel mill-muntanja u tibqa' nieżla l-ewwel sal-baħar tal-Gallileja jew l-Għadira tat-Tiberija u tibqa' sejra 'l isfel matul il-pajjiż kollu sal-Baħar il-Mejjet. Fil-Ktieb ta' Ġożwè naraw il-mogħdija bl-arka mix-xmara Ġordan qrib l-għolja Adam u l-waqfien tal-ilma, jigifieri l-poplu għadda minn din ix-xmara sabiex jidħol fl-Art Imwiegħda kif inisbu fil-ktieb ta' Ġożwè 3:13-17. Fit-Tieni ktieb tas-Slaten kap 5:12 naraw l-episodju tal-fejqan mill-ġdiem tal-ġeneral Naaman tas-Sirja li mar jinħasel u jogħdos seba' darbiet fil-Ġordan kif kien qallu l-profeta Eliżew sabiex ifieq, minflok mar jinħasel fix-xmajjar iktar nodfa ta' Damasku, Abana (illum Barada) u Farfar.

Hemm teoloġija sħiħa u sabiħa marbuta ma' din ix-xmara, li hija tassew mixja ta' fidi li min jinżel ġo fiha, jitgħammed fiha, iħalli l-bniedem il-qadim, il-mard u d-dnub u jitla' bħala bniedem il-ġdid. Fil-fatt bħala residwu jew fdalijiet ta' din ix-xmara, insibu proprju l-'mewt' tal-Baħar il-Mejjet (l-għadira Asphaltites jew tal-Melħ kif insibu f'Ġenesi 14:3 jew il-baħar tal-Lvant jew Siddim) li huwa twil minn fuq sa isfel 47 mil u wiesa' 10 mili, fejn l-ebda ħlieqa tal-baħar ma tgħixx ġo fih minħabba l-ammont qawwi ta' melħ li fih (madwar 26 fil-mija) u dan jagħmlu baħar tqil speċjalment meta jibda jħabbat il-mewġ. F'din id-dawra jinsabu l-bliet meqruda ta' Sodoma (Bab edh-Dhra) u Gomorrah (Numeira), flimkien ma' Zoar (Għor es-safi), dawn ġew meqruda għas-sena 2070 q.K. Bil-magħmudija tiegħu Ġwanni l-Battista, il-Prekursur kien qiegħed joffri mill-gdid mogħdija fil-Ġordan għall-purifikazzjoni tal-poplu ta' Alla u bħala tħejjija għal Kristu. Ġesu' innifsu jitgħammed f'din ix-xmara tassew qaddisa u bibblika.

## Biblijografija


Albright, W.F., "Contributions to the Historical Geography of Palestine", in *The Annual of the American School of Oriental Research in Jerusalem* 2/3 (1921/22) 1-46.

Alpin, M., *Was Jesus ever a disciple of John the Baptist? A Historical Study*, Edinburgh 2011.

Cady, P., “Exploration in the Dead Sea region”, in *The Biblical World* 21 (1903) 327-346.

Gnilka, J., *Das Evangelium nach Markus*, II, Zurich 1979.

Hitchcock, R.D., “Palestine exploration beyond the Jordan”, in *Journal of the American Geographical Society of New York* 8 (1876) 204-206.

Kohut, A., “Lakes of the Holy Land”, in *The Jewish Quarterly Review* 4 (1892) 690-696.

Leeper, J.L., “The sources of the Jordan River”, in *The Biblical World* 16 (1900) 326-336.

Mathews, S., “From Jenin to Nazareth. II. Gadara and the Jordan Valley”, in *The Biblical World* 10 (1897) 259-271.

Merrill, G.E., “The Hilltops of Palestine”, in *The Biblical World* 10 (1897) 333-341.

Morris, L., *The Gospel according to John*, NICNT, Grand Rapids (MI) 1995.

Novak, R.M., *Christianity and the Roman Empire: Background texts*, Trinity Press International 2001.

Penrose Harland, J., “Sodom and Gomorrah: The destruction of the cities of the plain”, in *The Biblical Archaeologist* 6 (1943) 41-54.

Riggs, J.S., “Studies in Palestinian Geography. I. The Land as a whole”, in *The Biblical World* 4 (1894) 7-13.

Robinson, F., “Depression of the Dead Sea and the Jordan Valley”, in *Bibliotheca Sacra and Theological Review* 19 (1848) 397-409.

Scobie, C.H.H., *John the Baptist*, London 1964.

The American Schools of Oriental Research, “A tour on foot through Samaria and Galilee”, in *Bulletin of the American Schools of Oriental Research* 4 (1921) 7-13.

Tristram, H.B., *The land of Moab: Travels and discoveries on the East side of the Dead Sea and the Jordan,* Piscataway (NJ) 1874.



# IL-PASSJONI TAL-PROFETA ĠEREMIJA

*Mons Lawrenz Sciberras*



Fost il-profeti kollha tat-Testment il-Qadim mingħajr dubju ta' xejn, Ġeremija huwa dak li l-aktar li jixbah lil Kristu.Ta' min ifakkar hawn li meta Ġesù staqsa dwar min jgħidu li hu n-nies uħud weġbuh li kien Ġeremija(Mt16,14). Mela toħroġ waħedha l-konklużjoni kemm dan il-bniedem kien milqugħ u aċċettat almenu fi żmien Ġesù.Isem dan il-bnidem kien fil-moħħ u fil-qalb tan-nies!Dan Ġeremija kien tassew figura l-aktar mill-qrib ta' Ġesù dejjem fejn jidħlu t-tbatija, ċaħda, swat, kritika u abbandun!

## Il-passjoni lejn il-ktieb.

Minbarra l-ħafna mumenti tqal, ibsin u diffiċli li ġarrab il-profeta matul ħajtu, hemm

ukoll ieħor partikulari u li ta' min isejjaħlu "passjoni" lejn ktieb.Din il-ġrajja u li dwarha se nikteb qiegħda fil-kap 36 ta' Ġeremija.Fiha wieħed isib ħafna u ħafna dettalji favur jew kontra l-bniedem ta' Alla.



"U ġara li fir-raba' sena ta' Ġeħojakim bin Ġosija, sultan ta' Ġuda, ġiet din il-kelma lil Ġeremija mingħand il-Mulej u qallu: "Ħu romblu tal-ktieb, u ikteb fuqu l-kliem kollu li jien għedtlek dwar Israel u dwar Ġuda, u dwar il-ġnus kollha minn mindu kellimtek fi żmien Ġosija sa dan il-jum. Għandu mnejn id-dar ta' Ġuda, meta jisimgħu bil-ħsara li għandi nagħmel, jerġgħu kull wieħed lura minn triqtu l-ħażina, u jien naħfrilhom ħżunithom u dnubhom.'Mur int u aqra mill-ktieb kull ma ktibt minn fommi, il-kliem tal-Mulej, f'widnejn il-poplu, f'dar il-Mulej, f'jum ta' sawm.Aqrah ukoll f'widnejn in-nies ta' Ġuda li jiġu minn bliethа" (Ġer 36,1-6).

Din id-deskrizzjoni hija tassew waħda dettaljata mogħnija b'tagħrif siewi ħafna.Jibda b'għamar lill-profeta biex dan jibda jikteb.Ninsabu qrib is-sena 604 qabel Kristu "fir-raba' sena ta' Ġeħojakim". Dan iż-żmien il-profeta kellu madwar l-erbgħin sena, u minkejja li diġà kien tkellem quddiem il-poplu, imma ma kienx għad għandu xejn miktub. Issa però differenti, u dan għaliex il-Kelma nkitbet u saret ktieb.Dan mela jfisser ukoll bdiet titwieled il-Bibbja.Hawn toħroġ ukoll fil-bieraħ l-ordni tal-Mulej biex Ġeremija jibda jikteb. Mela l-Kelma ma għadhiex tixtered biss bil-fomm, imma wkoll bil-kitba.

Is-sistema li ħaddem Ġeremija kienet waħda komuni dak iż-żmien, jiġifieri jagħmel użu minn skriba.F'dan il-każ partikulari huwa Baruk. Hawn ta' min jinnota wkoll li dan tal-iskriba huwa l-uniku każ fost il-profeti kollha.Biss hawn ta' min jistaqsi: Għaliex Ġeremija għamel użu minn Baruk?

Ir-raġuni għaliex hija waħda ċara u ta' min joqgħod fuqha.Ġeremija issa sar jaf, li n-nies u b'mod speċjali l-kapijiet ma tantx kienu għadhom jiġibuh kien għadu ma marx il-ħabż, probabbilment intebaħ sew li n-nies kienet qiegħda tifrex xibka kontrih. "Magħluq hawnhekk kif jien, ma nistax immur f'dar il-Mulej" (Ġer 36,5).Altru li kien mument iebes u ta' prova għal Ġeremija, l-aktar minħabba t-tempju f'Ġerusalemm.

Il-kmand li ta' Ġermija lil Baruk huwa wieħed tassew qawwi u preċiż. "Mur int u aqra mill-ktieb kull ma ktibt minn fommi, il-kliem tal-Mulej, f'widnejn il-poplu, f'dar il-Mulej, f'Jum ta' sawm.Aqrah wkoll f'widnejn in-nies ta' Ġuda li jiġu minn bliethа" (Ġer 36,6).

## Jaqra għal tliet darbiet il-ktieb

Dritt wara dan is-segretarju Baruk bin Nerija ħa l-inizjattiva tant li "għamel kollox skont ma ordnalu Ġeremija, il-profeta, u qara mill-ktieb il-kliem tal-Mulej f'dar il-Mulej" ( Ġer 36,8).

Dan il-qari qajjem ħafna stagħġib u tħassib serju anke qalb il-poplu li kien qed jisimgħu.Il-kapijiet tagħhom li f'dak il-waqt ma kenux hemm fil-maqdes, bagħtu mill-ġdid għal Baruk.U hekku allura issa kien hawn it-tieni qari tal-ktieb. "U qalulu: 'oqgħod bil-qiegħda u aqra minnu li nisimgħuk'". U Baruk beda jaqra li jisimgħuh" (36,15).

Meta Baruk qara l-ktieb, in-nies bdiet titħasseb sew, u dan għaliex issa dak miktub ma seta' jħassru ħadd.Kien fih tassew x'wieħed jixtarr u jitħasseb sew dwaru.Difatti wħud minnhom daħal fihom il-biża' u waslu għall-konklużjoni oħra, forsi aktar ta' responsabbilità: "Ikollna ngħarrfu lis-sultan b'dan kollu" (36,16).

Din il-ġrajja li tweġġa' ma waqfitx hawn.Ġara li fuq l-għamar tas-sultan Ġeħojakim, Ġehudi beda jaqra mill-ktieb: "Is-sultan kien qiegħed fil-palazz tax-xitwa; kien id-disa' xahar, u quddiemu kien hemm kenur imkebbes.U ġara li kull meta Ġehudi kien jaqra tlieta jew erba' kolonni, is-sultan kien iqattagħhom b'mus ta' l-iskriba, iwaddabhom fin-nar fil-kenur, sakemm il-ktieb kollu ntemm fin-nar li kien hemm fil-kenur." (36,22-23).

Hekk il-Kelma ġiet maħruqa, maqtula donnu ma jridux li tkun aktar fl-eżiżtenza.Il-bniedem li jwarrab il-Kelma ta' Alla mhux biss ma jkunx irid li jismagħha, iżda wisq aktar li din teżiżti.Quddiem din il-ġrajja wieħed jiftakar f'Ġesù il-Kelma ħajja tal-Missier, li ġie mogħti l-mewt sabiex ma jkun qatt aktar jeżiżti.Id-domanda li l-qassis Anna għamel lil Ġesù meta kien quddiemu kienet preċiżament dwar id-dixxipli tiegħu u t-tagħlim ta' Ġesù:(Ġw 18,19).

Iżda quddiem din is-sitwazzjoni jintervjeni l-Mulej biex mill-mewt joħroġ il-ħajja."U wara li s-sultan kien ħaraq il-ktieb u l-kliem li kien kiteb Baruk minn fomm Ġeremija, ġiet il-kelma tal-Mulej lil Ġeremija u qallu: "Erġa' hu romblu ieħor u ikteb fuqu il-kliem kollu ta' qabel li kien hemm fil-ktieb ta' qabel" (36,27-28).Jibqa' l-fatt però li l-Kelma għaddiet minn provi tan-nar.

## L-ewwel arrest.

Fil-ġrajja tal-kapitlu 36, Ġeremija baqa' jgawdi l-libertà u ħadd ma issogra jmidd idejh fuqu.Ġara li fil-kapitlu ta'wara jibda dramm personali ieħor għall-profeta wieħed aktar qawwi mill-ieħor.Hawn isseħħ ġrajja stramba sew; jarrestaw lil Ġeremija u dan bi żball, aktar milli biex isikktuh. Kważi kważi wieħed jibda jidħak b'dak li ġara!

Il-profeta ddeċieda li jitlaq minn Ġerusalemm biex imur f'art ta' Benjamin ħalli hemm jirċievi l-wirt li jmiss lilu mill-ġenituri tiegħu stess.Imma wieħed għassies jismu Irija ħaseb li Ġeremija kien sejjer għand il-Kaldin. Fil-pront Ġeremija wieġbu "Mhux veru.M'iniex sejjer għand il-Kaldin".Imma dak l-għassies ma riedx jisma'; tant li Irija qabad lil Ġeremija - naturalment kontra r-rieda tiegħu – u ħadu għand il-prinċpijiet (Ġer 37,14).

Il-biċċa ta' dan il-povru bniedem ma waqfitx hawn għaliex tawh is-swat u xeħtuh fil-ħabs fid-dar ta' Ġonatan il-kittieb.Ġeremija kellu jbati tassew u dan għaliex niżżluh f'ġiebja bil-ħnejjiet u povru bniedem għax dam hemm għal ħafna żmien! (Ġer 37, 15).

F'din il-parti ta' ħajjet Ġeremija, joħroġ ċar ix-xebh li hemm bejnu u bejn Ġesù. Ġeremija huwa t-tip u Ġesù l-anti tip.Lil Ġesù wkoll xeħtuh il-ħabs, wara li spiċċa mill-qorti quddiem is-sinedriju bil-qassis il-kbir Qajfas.Għaliex billi kien għadu ma sebaħx jum il-Ġimgħa, u l-prokuratur Ruman Pilatu kien għadu ma bediex jisma' il-kawżi tan-nies, allura għal ftit sigħat Ġesù għaddihom waħdu fil-ħabs li kien hemm mal-palazz tal-qassis il-kbir.

Minn issa 'l quddiem jkun hemm laqgħa fil-privat riservata biss għal tnejn minn nies. "U s-sultan Sedekija bagħat iġibu u beda jistħarrġu f'daru bil-moħbi u jgħidlu: 'Hemm xi kelma mingħand il-Mulej" (Ġer 37,17).U issa hawn ikompli joħroġ għad-dawl il-karattru qawwi u kuraġġjuż ta' Ġeremija. Dan għaliex minkejja li kien imbeżża' u mhedded bil-ħabż, il-profeta ma beżax jgħid lis-sultan il-verità.Difatti Ġeremija wieġbu hekk li Sedekija: "Int tkun mogħti f'idejn is-sultan ta' Babilonja" (Ġer 37,17).

Id-djalogu mas-sultan ma waqafx ħesrem, tant li mimli kuraġġ Ġeremija ipponta subgħajh lejn Sedekija u staqsih: "Fiex inqast jien kontra tiegħek jew kontra dan il-poplu biex xħettuni l-ħabż" (Ġer 37,18).

Hawn ukoll wieħed jiftakar f'dik id-domanda li Ġesù stess għamel lil wieħed mill-għases ta' Anna għaliex dan ta' daqqa ta' ħarta fuq wiċċ Ġesù. "Jekk jien għedt xi ħaġa mhix sewwa urini fejn; imma jekk għedt is-sewwa, għaliex terfa' jdejk fuqi" (Ġw 18,23).Ġeremija ma jieqafx hawn, anzi jkompli jiddefendi lilu nnifsu u fl-istess waqt jitlob lis-sultan biex ma jerġax jibagħtu l-ħabs bħal qabel: "Issa ismagħni, jekk jogħġbok, terġax tibgħatni f'dar Ġonatan il-kittieb, li ma mmutx hemm" (Ġer 37,20).

Toħroġ mill-ġdid hawn l-umanità ta' Ġeremija li ma riedx li jmut u għalhekk jitlob is-sultan biex almenu jqiegħdu f'ħabs aħjar.Is-sultan Sedekija minkejja li kien għadu kemm sama' messaġġ iebes ħafna "ta' ordni, u lil Ġeremija għalquh fil-bitħa ta' l-għassa; u kienu jagħtuh ħobża kuljum mit-triq tal-furnara, sakemm kien għad fadal ħobż fil-belt.U Ġeremija baqa' fil-bitħa ta' l-għassa" (Ġer 38,21).

B'dan il-mod qawwi jispiċċa t-tieni waqt minn dan id-dramm ta' ħajjet Ġeremija, li jidher li kien wieħed relattivament pożittiv.



# KATEKEŻI FUQ SAN ĠWANN BATTISTA (4) IR-RWOL TA' ĠWANNI L-BATTISTA, BĦALA XHUD TA' ĠESÙ

*Marcello Ghirlando*

Fit-tielet kapitlu tal-Vanġelu ta' San Ġwann (3:22-30) hekk naqraw: Wara dan, Ġesù ġie mad-dixxipli tiegħu fl-art tal-Lhudija, u baqa' hemm magħhom jgħammed. Ġwanni wkoll kien qiegħed jgħammed f'Għajnun, qrib Salim, għax f'dik in-naħa kien hemm ħafna ilma; u n-nies kienet tiġi biex titgħammed. Sa issa lil Ġwanni kienu għadhom ma tefgħuhx fil-ħabs. Mela d-dixxipli ta' Ġwanni tlewwmu ma' wieħed Lhudi fuq ir-rit tal-purifikazzjoni, u ġew għand Ġwanni jgħidulu: "Rabbi, kien hemm raġel miegħek in-naħa l-oħra tal-Ġordan, dak li int xhedt għalih. Issa, ara, hu qiegħed jgħammed, u kulħadd sejjer għandu." Ġwanni weġibhom: "Ħadd ma jista' jirċievi xi ħaġa jekk ma tingħatalux mis-sema. Intom stess tistgħu tixhdu li jiena għedtilkom li 'jien m'iniex il-Messija,' imma biss li 'jien kont mibgħut qablu.' Dak li għandu l-għarusa huwa l-għarus; imma l-ħabib ta' l-għarus, li jkun ħdejh u jisimgħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen l-għarus. U dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet. Jenħtieġ jikber hu u niċkien jiena."

Fil-katekeżi ta' qabel iffukajna ftit fuq il-messaġġ essenzjali ta' Ġwanni l-Battista u jekk tiftakru tajjeb, kieku kellna niġbru f'kelma l-messaġġ tal-Battista, il-kelma hija



**Konverżjoni**. Tajna ħarsa ħafifa lejn il-Vanġeli Sinottiċi, b'mod partikulari l-Vanġelu skont San Luqa u ndunajna kemm Ġwanni, biex iħejji l-poplu biex jilqa' lil Kristu, ippriedka magħmudija ta' indiema. Messaġġ qawwi ta' konverżjoni u, jekk tiftakru tajjeb, stajna nġibu quddiem għajnejna kemm xi kultant Ġwanni kien iebes meta kien qed jitlob min-nies dik il-bidla radikali biex jilqgħu lil Kristu l-Mulej.

Illum nixtieq niffoka fuq, mhux tant il-messaġġ ta' Ġwanni l-Battista, imma fuq ir-rwol tiegħu bħala xhud għal Ġesù. Aħna lil San Ġwann il-Battista, b'mod partikulari nsejħulu 'martri' u meta nużaw il-kelma 'martri', ġeneralment nirreferu għal dawk il-qaddisin, inkluż Ġwanni l-Battista, illi waslu saħansitra biex ixerrdu demmhom għal Kristu u għall-Vanġelu tiegħu. Imma forsi għal min ma jafx, il-kelma 'martri' fil-Grieg

tfisser 'xhieda'. Aħna lkoll imsejħin biex inkunu martri, mhux fis-sens li jaqtgħulna rasna għal Kristu, imma msejħin billi nkunu xhieda ta' Ġesù, xhieda tal-Vanġelu. U jiena naħseb meta nħarsu lejn San Ġwann il-Battista, għalhekk proprju xtaqt niffoka fuq dil-ħaġa llum, nistgħu ngħidu b'mod partikulari fir-Raba' Vanġelu, il-Vanġelu skont San Ġwann, l-Evanġelista jinsisti illi jippreżenta lil Ġwanni l-Battista bħala martri ta' Ġesù, bħala xhieda ħajja ta' Ġesù. Jien ma nafx jekk tafux, imma r-Raba' Vanġelu, jiġifieri l-Vanġelu skont San Ġwann, ħames darbiet isemmi lill-Prekursur ta' Ġesù. Isemmieh f'dik l-introduzzjoni solenni għall-Vanġelu li teknikament insejħulha l-**Prologu ta' San Ġwann** u fil-fatt diġà hemmhekk, l-Evanġelista juri r-rwol ta' Ġwanni.

Fl-1 Kapitlu, f'dik l-introduzzjoni solenni, il-Prologu tal-Vanġelu skont San Ġwann, l-Evanġelista hekk kien kiteb: "Kien hemm raġel mibgħut minn Alla jismu Ġwanni. Dan ġie bħala xhud biex jixhed għad-Dawl biex bih kulħadd





jemmen. Ġwanni ma kienx id-dawl imma ġie biex jixhed għad-Dawl." Jekk qgħadna attenti, fi ftit vrus tgħoddhom fuq subgħajk, għax ried, l-Evanġelista jgħid li Ġwanni huwa xhud. Imbagħad ġie biex jixhed għad-Dawl. Allura tindunaw mal-ewwel kif l-Evanġelista San Ġwann bl-ewwel daqqa ta' pinna fil-Vanġelu tiegħu jipponta subgħajh lejn Ġwanni u jara fih profeta, imma profeta illi kellu jixhed għal Kristu.

Interessanti wkoll, illi aktar 'il quddiem, dejjem fl-ewwel kapitlu tar-Raba' Vanġelu, għal tliet darbiet, l-Evanġelista jippreżenta lil Ġwanni l-Battista fir-rwol tiegħu bħala xhud ta' Ġesù. Ippermettuli naqra xi vrus mill-ewwel kapitlu qabel ma nispjega l-Vanġelu li għazilt għal din ir-raba' katekeżi li prattikament hija l-aħħar darba, li mbagħad l-Evanġelista jsemmi lil Ġwanni l-Battista.

L-ewwel kapitlu, illi l-Evanġelista jaqsmu fuq medda ta' sitt ijiem, imbagħad it-2 Kapitlu bit-Tieġ ta' Kana, għandna s-seba' jum. Hekk hu din hija interessanti għal min jistudja l-Evanġelju skont San Ġwann. L-Evanġelista jikteb il-Vanġelu tiegħu fuq medda ta' sebat ijiem. Tfakkarkom f'xi ħaġa din? Il-Ktieb tal-Ġenesi. Alla joħloq id-dinja f'sitt ijiem u mbagħad jistrieħ fis-seba' jum. Qisu bħal donnu, l-Evanġelista, meta jirrakkonta, allura bil-mod tiegħu partikulari, il-ħajja ta' Ġesù, jibda l-Vanġelu ta' Ġesù fuq sebat ijiem biex juri li Alla permezz ta' Ġesù l-Messija kien qed jagħmel ħolqien ġdid. Interessanti illi din il-medda ta' sebat ijiem, tagħlaq bit-Tieġ ta' Kana, meta "Ġesù juri l-glorja tiegħu, u d-dixxipli tiegħu jemmnu fiH".

Hekk hu, matul il-medda ta' dawn is-sebat ijiem, l-ewwel tlett ijiem, prattikament



huma ddedikati għax-xhieda ta' Ġwanni l-Battista. Ġwanni li jixhed li Ġesù mhux biss il-Messija, kif sejrin nisimgħu, imma li huwa l-Ħaruf ta' Alla - għal darbtejn -, li Ġesù hu l-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja, anzi jixhed ukoll il-Battista li Ġesù huwa l-Iben ta' Alla. Fil-fatt meta niftħu l-1 Kapitlu fil-vers 19, l-Evanġelista jgħid: "Ix-xhieda ta' Ġwanni kienet din: Meta l-Lhud ta' Ġerusalemm bagħtu għandu xi Qassisin u Leviti biex jistaqsuh: "Int min int? Hu stqarr bla ma ċaħad: "Jien m'inix il-Messija." Xi kultant b'nofs ċajta jien ngħid li Ġwanni l-Battista ma kienx ibati, kif jgħidu l-psikologi, bi kriżi ta' identità. Fis-sens, illi kien jaf min kien. Kien jaf x'kienet il-missjoni tiegħu. Kien jaf b'mod preċiż. Ovvjament, wara snin twal ta' talb u riflessjoni fid-deżert, kif konna għidna fit-tieni katekeżi, kien jaf li l-irwol tiegħu kien illi jħejji t-Triq għall-Mulej u mhux bis iħejji t-Triq għall-Mulej kif qegħdin ngħidu, imma x'ħin Ġesù jkun preżenti f'nofs il-Poplu Tiegħu ikun xhud tiegħu. Għalhekk, f'dan l-**ewwel jum** tal-Vanġelu ta' San Ġwann, l-Evanġelista jgħid illi Ġwanni ġie biex jixhed u jistqarr: "Jiena ġejt ngħammed bl-ilma, imma f'nofskom hemm wieħed li intom ma tafuhx u li ġej warajja. Jien lanqas ma jistħoqqli nħoll il-qafla tal-qorq tiegħu." Meta mbagħad ibexbex it-**tieni jum**, l-Evanġelista jgħid: "L-għada, Ġwanni ra lil Ġesù riesaq lejh u qal: "Araw il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja."

Interessanti li fir-Raba' Vanġelu, skont San Ġwann, l-Evanġelista ma jirrakkuntax direttament il-Magħmudija ta' Ġesù, imma jġib lil Ġwanni l-Battista jixhed għal dik il-magħmudija li minnha l-Prekursur jagħraf li Ġesù huwa l-Ħaruf ta' Alla u l-Iben ta' Alla. Isimgħu l-kliem tal-Vanġelu: "Dan hu li għaliH għidtilkom: Warajja ġej bniedem li hu aqwa minni għax ġie qabli. Anqas jien stess ma kont nafu, imma għalhekk ġejt ngħammed bl-ilma, biex Hu jkun mgħarraf lil Israel. U Ġwanni xehed għaliH."

Qed tindunaw kemm l-Evanġelista qed jimmartella fuq l-istess grampun? Ġwanni huwa x-xhieda ta' Ġesù u Ġwanni xehed għaliH u qal: "Jien rajt l-Ispirtu nieżel mis-sema bħal ħamiema u joqgħod fuqu. Tabilħaqq lanqas jien ma kont nafu, imma dak li

baghatni nghammed bl-ilma hu stess qalli: Fuq min tara l-Ispirtu jinżel u joqgħod, Dak hu li jgħammed bl-Ispirtu s-Santu. Dan rajtu b'għajnejja u għalhekk xehedt dan Hu l-Iben ta' Alla."

Interessanti mbagħad għaliex fil-bidu tat-**tielet jum**, Ġwanni jerġa', jixhed meta jħares lejn Ġesù li kien għaddej minn hemm u qal: "Araw il-Ħaruf ta' Alla".. Imbagħad il-Vanġelu jkompli u jirrakkonta kif żewġ dixxipli ta' Ġwanni laqgħu x-xhieda tiegħu u marru wara Ġesù. Jekk intom qed tindunaw, bosta vrus tal-ewwel kapitlu tal-Vanġelu skont San Ġwann, qed jinsisti fuq il-**kelma** li kontinwament jirrepeti l-Evanġelista: Ġwanni huwa xhieda.

Ġwanni jixhed, jixhed għad-Dawl, dak id-Dawl veru li kellu jdawwal lill-bnedmin, Ġwanni jixhed għal darbtejn li Ġesù hu l-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja. Imbagħad jerġa' jgħid fit-**tieni jum**, li Ġesù hu l-Iben ta' Alla. Araw xi ġmiel ta' missjoni li kellu l-Battista. Kien konxju li hu kien daqs li kieku dak is-sinjal tat-triq li qed jindika il-veru Messija. Tinsewx illi Ġwanni kien popolari ħafna fi żmienu! Anke meta miet, il-Battista baqa' popolari ħafna. Fil-fatt, waqt il-vjaġġi missjunarji ta' San Pawl, meta Pawlu jasal għall-ewwel darba fil-belt ta' Efesu, fl-Asja Minuri, fit-Turkija ta' llum, kont għadek issib grupp ta' nies li x'aktarx kienu għadhom dixxipli ta' Ġwanni l-Battista. U proprju għalhekk l-Evanġelista fir-Raba' Vanġelu, jinsisti ħafna li jippreżenta lil Ġwanni l-Battista, mhux bħala l-Messija, imma bħala dak li kellu jixhed għall-Messija u dan jiġi kkonfermat allura fil-Vanġelu li qrajna fil-bidu tal-Katekeżi.

Ħa nerġa' nirrepeti t-tieni parti tal-Vanġelu għax tant hija sabiħa: "Meta d-dixxipli ta' Ġwanni jmorru għand il-Battista jgħidulu: "Rabbi, dak (għal Ġesù qed jgħidu), qed jgħammed!" Xi jwieġeb Ġwanni: "Ħadd ma jista' jirċievi xi ħaġa jekk ma tingħatalux mis-Sema. Intom stess tixhdu li jien għidtilkom li jien m'inix il-Messija, imma biss li jien kont mibgħut qablu. Jien m'inix il-Messija." Imbagħad iżid, u hawn hi l-kelma sabiħa ta' dan il-Vanġelu: "Dak li għandu l-għarusa huwa l-għarus, imma l-ħabib tal-għarus li jkun ħdejh u jisimgħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen l-għarus u dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet. Jeħtieġ jikber Hu u niċċekken jien!"

X'ried jgħid il-Battista meta juża s-simboliżmu tat-tiġijiet fi żmien Ġesù u forsi anki ta' żmienna? Lil Ġesù jindikah bħala l-għarus u lilu nnifsu, Ġwanni, jqis lilu nnifsu bħala l-ħabib tal-għarus fit-tiġijiet, (il-*bestman* ta' llum), imma



forsi kellu iktar importanza minn ta' llum għax fejn ma kienx jasal l-għarus finanzjarjament għat-tieġ, kien jidħol hu u jħallas hu. Fi żmien Ġesù, il-ħabib tal-għarus kien importanti ħafna, kien jorganizza l-festa tat-tieġ, kien jidħol hu anke finanzjarjament responsabbli biex it-tieġ ikun suċċess – is-suċċess tat-tieġ tal-għarus kien ukoll il-ferħ tal-ħabib tal-għarus. Allura, Ġwanni bħala xhieda, qed iqis lil Ġesù bħala l-għarus tal-Poplu l-Magħżul. Din hija interessanti ħafna għax qed tibgħatna allura fl-Antik Testment. Mhux l-ewwel darba li l-Profeti Ġeremija, Eżekjel, Isaija, Hosegħa, dejjem ippruvaw ifiehmu l-imħabba ta' Alla lejn il-Poplu Tiegħu daqs li kieku l-imħabba tal-għarus - Alla, u l-għarusa – l-Poplu Magħżul. Diversi huma s-siltiet tal-profeti li juru illi l-imħabba mqanqla, passjonali li l-għarus – Alla, kellu għall-għarusa tiegħu, li mhux dejjem skont l-Istorja tas-Salvazzjoni kienet fidila lejn Alla, fidila lejn il-Patt, fidila lejn il-Liġi ta' Mosè. Allura, għal Ġesù, qed jagħraf li Ġesù hu Alla u "jiena xehedt li dan hu l-Iben ta' Alla" u qed iqis lil Ġesù bħala Alla illi resaq bi mħabba tremenda lejn il-Poplu Tiegħu permezz tal-inkarnazzjoni tiegħu, permezz tal-għotja tiegħu nnifsu lill-Poplu, allura lill-għarustu. Kemm hi sabiħa! Ġwanni qed iqis lil Ġesù bħala dak Alla li qed jersaq b'imħabba t'għarus, b'imħabba passjonali lejn il-bnedmin illi mbagħad kellhom jemmnu fih. "Meta Bin il-Bniedem ikun mgħolli 'l fuq, jiena niġbed lill-bnedmin kollha lejja." Mela Ġwanni qed jara li Ġesù huwa l-isbaħ espressjoni tal-imħabba ta' Alla għall-Poplu Tiegħu u qed iqis lilu nnifsu bħala l-ħabib tal-għarus.

Mhux ta' b'xejn jgħid dak il-kliem: "Imma l-ħabib tal-għarus li jkun ħdejh u jisimgħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen l-għarus, u dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet!" Kemm hi sabiħa! Ġwanni qed jifraħ bil-preżenza ta' Ġesù f'nofs il-Poplu Tiegħu. Il-ħabib tal-għarus, Ġwanni l-Battista li kien diġà xehed għall-Messija: "Araw il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja! Dan huwa l-Iben ta' Alla, huwa ikbar minnu u jien ma jistħoqqlix inħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu." Hekk hu dak li kien xehed għaliH, issa qed jiggosta l-ferħ tal-preżenża tiegħu. Ġwanni jifhem li Ġesù qed jgħammed skont il-Vanġelu ta' San Ġwann.... skont din is-silta li qrajna, Ġwanni jifhem li Ġesù li qed jibda l-ministeru tiegħu, qed jibda jfawwar lill-Poplu Tiegħu bl-imħabba divina - l-għarus li qed iħobb lill-għarustu u Ġwanni jiggustah dan il-mument illi jikkontempla, allura nużaw kelma aktar tqila, li jikkontempla l-preżenza ta' Ġesù li diġà qed jibda l-ministeru pubbliku tiegħu fost il-Poplu Tiegħu. Din hi xi ħaġa illi timla bil-ferħ il-qalb tal-Battista li allura jista' jagħlaq din il-Kelma tant sabiħa! Hija l-aħħar kelma tal-Battista fir-Raba' Vanġelu: "Jeħtieġ jikber Hu u niċkien jien."

Ġaladarba l-imħabba ta' Alla faqqgħet fost il-poplu bil-preżenza ta' Ġesù, Ġwanni jifhem, il-ħabib tal-għarus jifhem li l-missjoni tiegħu kienet waslet fi tmiemha. Allura joħroġ b'dik il-kelma tant sabiħa: "Jeħtieġ jikber Hu u niċkien jien." Kemm hi sabiħa! Kieku nużaw kliem aktar sempliċi, Ġwanni ma meliex rasu, rasu ma kibritx bil-missjoni tiegħu. Fehem b'umiltà u sinċerità kbira, b'realiżmu kbir, x'kienet il-missjoni tiegħu, jagħmilha u, meta Ġesù jfaqqa' l-imħabba tiegħu lejn il-Poplu, lanqas xrara ta' għira ma tinbet. Imma qalbu mtliet bil-ferħ, il-qalb tal-ħabib tal-għarus ferħet bil-preżenza u bl-imħabba tal-għarus. Allura kif diġà għidna, Ġwanni jifhem illi l-missjoni tiegħu kienet waslet fit-tmiem.

Jista' dan ir-rwol ta' xhud ta' Ġwanni jdawwal il-ħajja tagħna? U żgur li jista'! Aħna lkoll 'martri' kif għidna fil-bidu, ilkoll imsejħin biex inkunu 'martri', mhux martri tad-demm, - forsi xi ħadd ikollu din il-grazzja, avolja ħadd ma jixtieq imut -,

imma aħna kollha msejħin biex inkunu xhud ta' Ġesù, biex inkunu sinjal ħaj bl-imġiba tagħna ta' twemmin tagħna fil-preżenza ta' Ġesù fil-ħajja tagħna. Kemm hu sabiħ meta tisma' esperjenzi ta' min resaq lejn il-Knisja, ta' min resaq lejn il-Vanġelu minħabba x-xhieda sabiħa tal-insara, minħabba x-xhieda sabiħa ta' xi ħadd li xehed għal Kristu bil-karità tiegħu, xehed għal Kristu bl-imġiba tiegħu, forsi anke jekk kien neċessarju, bil-kelma tiegħu!

Ġwanni jfakkarna, illi din hija l-missjoni tagħna lkoll bħala nsara li nkunu sinjal illi jixhed għal Kristu. Issa b'kunsiderazzjoni oħra, għax tant hija qawwija l-Kelma li jgħid Ġwanni, illi jifraħ għidna, ftit sekondi ilu, jifraħ bil-preżenza ta' Ġesù u jħoss "Illi issa jeħtieġ li jikber hu u niċkien jien." Hekk hu, forsi kieku sewwa nsaqsu lilna nfusna fit-talb tagħna: fix-xhieda li nagħtu kemm niggustaw il-preżenza ta' Ġesù f'ħajjitna? Kemm inħallu qalbna bħal ta' Ġwanni timtela bil-ferħ, għax il-Mulej huwa preżenti f'ħajjitna, fil-ferħ u fin-niket, fis-saħħa u fil-mard, fil-hemm, f'kull sitwazzjoni sabiħa, anke f'sitwazzjonijiet imwiegħra? Jekk Ġesù hu preżenti, min allura, qisu bħal donnu qed jgħid Ġwanni, jista' jisraq il-ferħ mill-qalb tagħna?

" Aktar ma jikber Hu u niċkien jien," aktar il-ferħ ikun sħiħ.

"Jien ġejt biex ikollkom il-ferħ u biex il-ferħ tagħkom jibqa'," jgħid Ġesù fil-Vanġelu ta' San Ġwann.

Ejjew nitolbu l-grazzja għall-merti tal-Battista, illi niċkienu, niċkienu fid-dnub, fl-egoiżmu, fl-għira, ħalli nħallu l-preżenza ta' Kristu tidher aktar fina u tkun verament għajn tal-ferħ tagħna.

"U dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet."

"Jeħtieġ jikber Hu u niċkien jien."



# IT-TFITTXIJA "TAL-LHUD" GĦAL ĠESÙ FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

It-tema tat-tfittxija ippreżentata permezz tal-użu tal-verb bil-Grieg *zeteo* hija waħda li tiddomina l-paġni tal-Evanġelju skont San Ġwann. Dan l-evanġelista jurina li hemm min qed "ifittex" lil Ġesù biex isir dixxiplu tiegħu, jiġifieri għal raġunijiet pożittivi. Fl-istess Evanġelju naqraw ukoll li oħrajn fittxew lil Ġesù biex jaqbduh jew biex joqtluh. Fil-fatt meta nqisu l-użu ta' dan il-verb fir-Raba' Evanġelju nindunaw, li aktar hemm minn dawn ir-referenzi negattivi milli dawk pożittivi. F'dan l-artiklu sejrin naraw kif San Ġwann jiddedika numru ta' kapitli li fihom jiddominaw kontroversji ħorox kontra Ġesù u kif dawn wasslu biex "il-Lhud" jagħmlu numru ta' tentattivi ħalli jaqbdu jew joqtlu lil Ġesù.

## Tentattivi inutli

It-tema tat-tfittxija tal-"Lhud"[1] hija sostanzjalment ippreżentata mill-kapitli 5 u 7-8 tal-Evanġelju skont San Ġwann. F'dawn il-kapitli nsibu noti differenti li fihom naqraw kif "il-Lhud" bdew ifittxu li joqtlu lil Ġesù.[2] Hekk per eżempju, naqraw f'5:18 - "U minħabba f'hekk il-Lhud wisq iżjed minn qabel bdew ifittxu li joqtluh, mhux biss għax kien jikser is-Sibt, imma wkoll għax lil Alla kien jgħidlu Missieru u jqis ruħu daqs Alla." Il-Kapitlu 7 huwa miżgħud b'dawn ir-referenzi sa mill-ewwel vers fejn naqraw: "Wara dan, Ġesù baqa' jdur fil-Galilija, għax ma riedx joqgħod idur fil-Lhudija billi l-Lhud kienu qegħdin ifittxu li joqtluh."[3] Fil-versi 9 u 10 għandna żewġ noti oħra simili meta Ġesù jgħid lil-"Lhud" - "'Il-Liġi mhux Mosè tahielkom? U madanakollu ħadd minnkom ma jħares il-Liġi. Għaliex qegħdin tfittxu li toqtluni?' Qalulu n-nies: 'Int għandek xitan fik! Min qiegħed ifittex li joqtlok?'"[4]

Permezz ta' dawn ir-referenzi, l-Evanġelista San Ġwann joħloq atmosfera ta' oppożizzjoni kontra Ġesù. Id-diversi kwestjonijiet li nsibu hawn jikkonċentraw il-figura ta' Ġesù jew aħjar l-affermazzjonijiet li permezz tagħhom Ġesù jistqarr li hu ġie mingħand il-Missier jew li hu Alla.[5] Ħafna mill-istudjużi tar-Raba' Evanġelju huma tal-fehma li dawn il-kwestjonijiet jirriflettu aktar dak li kien qed jiġri fi żmien meta kien qed jinkiteb dan l-Evanġelju milli ċ-ċirkustanzi storiċi li fihom għex Ġesù.[6]





Minkejja r-referenzi għall-attentati diversi min-naħa tal-"Lhud" biex joqtlu lil Ġesù, ir-Raba' Evanġelista jdoqq l-istess nota: dawn l-attentati sfaw kollha fix-xejn "għax is-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx."[7] Minħabba f'hekk naqraw ukoll li kull darba Ġesù kien jaħrab jew jinħeba minn dawn l-attentati kontra tiegħu.[8] Ir-referenza għas-"siegħa" ta' Ġesù f'dawn l-ispjegazzjonijiet hija waħda li rridu nifhmuha f'rabta mal-passjoni u l-mewt tiegħu li f'dan l-Evanġelju huma ppreżentati bħala l-waqt "tal-glorifikazzjoni ta' Ġesù."[9]

Il-falliment tat-tentattivi diversi min-naħa tal-"Lhud" biex joqtlu lil Ġesù mela, jurina l-impossibilità tal-bniedem quddiem il-pjan ta' Alla. Is-siegħa ta' Ġesù tasal meta xi Griegi xtaqu jaraw lil Ġesù u quddiem din it-talba, Ġesù jistqar: "Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat."[10] Minn issa l-quddiem allura ser naqraw kif il-pjanijiet tal-għedewwa ta' Ġesù li fittxew li joqtluh iseħħu tassew. Imma mqar f'dan kollu, l-Evanġelista San Ġwann jurina li dan seta' jseħħ bl-approvazzjoni ta' Ġesù. Hekk naqraw, per eżempju, fl-episodju tal-arrest fejn Ġesù huwa ppreżentat f'kontroll ta' dak kollu li jkun qed jiġri.[11]

## "Xejn ma tfittxu l-glorja li tiġi mingħand Alla waħdu" (Ġw 5:44)

L-Evanġelista San Ġwann joħloq kuntrast sottili bejn l-affermazzjonijiet ta' Ġesù li fihom huwa jistqarr id-dipendenza tiegħu fuq il-Missier - "Jien ma nista' nagħmel xejn minn rajja"[12] u li "Jiena ma nieħu ebda glorja mill-bnedmin"[13] - mal-akkużi li Ġesù jagħmel kontra "l-Lhud" - "Imma kif jista' jkun li temmnu, intom li tieħdu l-glorja mingħand xulxin, waqt li xejn ma tfittxu l-glorja li tiġi mingħand Alla waħdu?"[14] Affermazzjoni analoga għal din l-akkuża nsibuha fil-konklużjoni tal-ministeru pubbliku ta' Ġesù: "għalihom kienet aktar għażiża l-glorja tal-bnedmin mill-glorja ta' Alla."[15]

F'din il-valutazzjoni ta' Ġesù kontra "il-Lhud," huwa kien qed ifisser il-mod kif huma baqgħu ma emmnux





fih bħala l-Mibgħut tal-Missier. Ġesù jagħmel dan b'affermazzjoni akbar meta juri l-kapaċità tiegħu li jaqra qalb il-bniedem: "imma jien lilkom nafkom, naf li l-imħabba ta' Alla ma tinsabx fikom."[16] Dak li kien jonqoshom "il-Lhud' kien li jmorru għandu biex jiksbu s-salvazzjoni. Hekk jgħidilhom Ġesù: "Madanakollu ma tridux tiġu għandi biex ikollkom il-ħajja"[17] anke jekk "intom tistudjaw l-Iskrittura, għax taħsbu li fiha hemm il-ħajja ta' dejjem: din tagħti xhieda għalija."[18] Ġesù jkompli juri li l-attakki tagħhom kontrih huma riżultat tal-fatt li huma qatt ma emmnu li ġie f'isem il-Missier: "Jien ġejt f'isem Missieri, u intom ma lqajtunix; jekk ħaddieħor jiġi f'ismu stess, intom tilqugħ."[19]

F'din l-atmosfera ta' konflitti jispikka ħafna l-kliem iebes ta' Ġesù kontra "il-Lhud" kif insibuh fil-Kapitlu 8. Hawnhekk Ġesù jakkużahom li huma la kienu jafu lilu u lanqas il-Missier: "Li kieku kontu tafu lili, kontu tkunu tafu lil Missieri wkoll."[20] Ġesù jkompli jakkużahom li lanqas lil Alla ma kienu jafu: "Li kieku kelli nagħtu glorja lili nnifsi, il-glorja tiegħi ma kienet tkun tiswa xejn. Imma dak li lili qiegħed jagħtini l-glorja huwa l-Missier, dak li intom tgħidu li huwa Alla tagħkom, u madanakollu ma għaraftuhx."[21] Dan kollu jwassal biex Ġesù jakkuża lil-"Lhud" bħala wlied ix-xitan. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li dan huwa wieħed mill-aktar versi ħorox li nsibu fil-letteratura biblika u li wassal biex diversi awturi akkużaw lil dan l-Evanġelista b'anti-semitiżmu: "Intom ġejjin minn missierkom, li hu x-xitan, u x-xewqat ta' missierkom tridu tagħmlu. U dan kien qattiel sa mill-bidu u qatt ma żamm mal-verità, għax il-verità ma tinsabx fih."[22]



## “Għad tfittxuni u ma ssibunix” (Ġw 7:34)

Minkejja l-oppożizzjoni ħarxa li Ġesù kellu jaffaċja mil-“Lhud” naqraw ukoll li kienu ħafna dawk li emmnu f’Ġesù.[23] Dan kollu qajjem biża’ akbar fl-awtoritajiet reliġjużi Lhud li bagħtu l-għassiesa tagħhom biex jarrestaw lil Ġesù.[24] Għalkemm dan il-pjan falla, huma jirnexxielhom jagħmlu dan aktar tard. Dan iseħħ fir-rakkonti tal-passjoni u l-mewt ta’ Ġesù. Fuq il-livell esterjuri dawn il-persuni, mela, jidher li kienu qed jirnexxu fil-pjanijiet tagħhom. Minkejja dan, l-Evanġelista San Ġwann b’mod sottili jurina li hemm protagonista ieħor li kien qed imexxi kollox u li l-pjanijiet tiegħu kienu għal kollox differenti.

Dan il-protagonisa jismu Ġesù li lil dawk ta’ madwaru jgħidilhom: “Ftit ieħor baqagħli magħkom, u mbagħad nerġa’ mmur għand min bagħatni.”[25] Għal ħames darbiet oħra Ġesù jtenni kliem simili għal dan. L-ewwel huwa jindirizza lil-“Lhud” - “Jiena mmur, u intom għad tfittxuni, imma għad tmutu fid-dnub tagħkom. Fejn sejjer jien intom ma tistgħux tiġu.”[26] It-tieni, huwa jkellem il-folla dwar dan: “Ftit ieħor baqagħlu magħkom id-dawl.”[27] Imbagħad għal tliet darbiet Ġesù jtenni kliem simili lid-dixxipli:



"Uliedi, ftit ieħor se ndum magħkom, intom tfittxuni, u bħalma għedt lil Lhud, hekk ukoll ngħid issa lilkom: Fejn sejjer jien, intom ma tistgħux tiġu."[28]

Dan huwa kliem li min semgħu baqa fid-dlam u ma fehmux, tant illi l-Evanġelista jagħtina wkoll ir-reazzjoni ta' dawk li semgħuh: "Il-Lhud bejniethom bdew jgħidu: 'Mela fejn sejjer dan, biex m'aħniex se nsibuh? Jaqaw sejjer għand dawk li huma mxerrda fost il-Griegi u jgħallem lill-Griegi? Dan xi kliem hu li qal, 'Għad tfittxuni u ma ssibunix,' u 'Ma tkunux tistgħu tiġu fejn inkun jien'?"[29]

Xi kummentarju jinterpretaw dan il-kliem ta' Ġesù f'rabta mal-mument tal-ġudizzju fejn dawk li jippruvaw ifittxuh issa jkun tard wisq għalihom.[30] Oħrajn iżda jidhru li huma aktar korretti meta jinterpretaw dan il-kliem bħala kliem ta' urġenza jew stedina biex nemmnu f'Ġesù; jekk le imbagħad jista jkun tard wisq għalina.[31] Fuq l-istess linji għandna xi ħaġa tixxiebah fil-kobta tal-Għerf. "Imbagħad isejħuli, imma jien ma nweġibhomx; ifittxuni, imma ma jsibunix."[32]

Bla dubju li l-Evanġelista San Ġwann kien jaf tajjeb li l-kelma ta' Ġesù se tkun dejjem imħabbra fil-komunità nisranija u f'dan is-sens it-tfittxija għal Ġesù tibqa' dejjem possibbli. Madanakollu, l-Evanġelista jiġbed l-attenzjoni li r-rivelazzjoni hija ġrajja storika li dehret fil-persuna ta' Ġesù. Għalhekk dawk li warrbu lilu u



l-kelma tiegħu kienu qed iqegħdu lilhom infushom barra s-salvazzjoni.[33] Dan minħabba li għall-Evanġelista San Ġwann il-ġudizzju qed isir issa: dawk li jemmnu fih huma diġà salvati filwaqt li dawk li ma jemmnux huma diġà ikkundannati.[34]

## Referenzi

1 Fl-istudji Bibliċi huwa rikkomandat li l-kelma "il-Lhud" tinkiteb dejjem fl-inverted commas biex nuru li m'aħniex nirreferu għal xi kategorija etnika. Dwar dan l-argument ara Robert Kysar, "Anti-Semitism and the Gospel of John," in Anti-Semitism and Early Christianity: Issues of Polemic and Faith, eds., C.A. Evans and D.A. Hagner (Philadelphia: Fortress, 1993), 113-127.

2 Għall-kummenti dwar dawn il-kapitli ara, Santi Grasso, Il Vangelo di Giovanni: Commento esegetico e teologico (Roma: Città Nuova, 2008).

3 Ġw 7:1.

4 Ġw 7: 25.30. Ara wkoll 8:37.40.

5 Fl-istudju tiegħu, A.E. Harvey, Jesus on Trial: A Study in the Fourth Gospel (London: SPCK, 1976), janalizza bir-reqqa dawn il-kwestjonijiet li jiddominaw dawn il-kapitli fl-Evanġelju skont San Ġwann. Hemm diversi studji dwar il-Kristoloġija għolja ta' San Ġwann. Ara per eżempju, Stanley, E. Porter, John, His Gospel, and Jesus: In Pursuit of the Johannine Voice (Grand Rapids/ Michigan/Cambirdge: Eerdmans, 2015).

6 Huma diversi l-istudji li jitrattaw l-identità tal-komunità ta' San Ġwann li kienet f'konflitt mas-Sinagoga Lhudija jiġifieri kontra l-istutuzzjonijiet formali reliġjużi Lhud minħabba l-identità ta' Ġesù bħala dak li ġie mibgħut mill-Missier tas-Sema. Wieħed mill-pijurnieri huwa J. Louis Martyn, History and Theology in the Fourth Gospel, 2nd ed. (Nashville: Abington, 1979).

7 Ġw 7:30. Ara wkoll 8:20.

8 Ġw 8:59. Dwar dan is-suġġett ara, M.W.G. Stibbe, "The Elusive Christ: A New Reading of the Fourth Gospel," in The Gospel of John as Literature: An Anthology of Twentieth-Century Perspectives (Leiden/New York: Brill, 1993), 231-248.

9 Dwar is-siegħa ta' Ġesù ara Ignace de la Potterie, The Hour of Jesus: Passion and the Resurrection of Jesus according to John - Text and Spirit (Middlegreen, Slough: St Paul's, 1990).

10 Ġw 12:23.

11 Ara Ġw 18:1-11.

12 Ġw 5:30.

13 Ġw 5:41.

14 Ġw 5:44.

15 Ġw 12:43.

16 Ġw 5:42.

17 Ġw 5:40.

18 Ġw 5:39.

19 Ġw 5:43.

20 Ġw 8:19.

21 Ġw 8:54-55.

22 Ġw 8:44. Fost dawk li jakkużaw lil San Ġwann b'anti-semitiżmu ara l-istudji miġburin f' Anti-Judaism and the Fourth Gospel, eds., Reimund Bieringer, Didier Pollefeyt, Frederique Vandescasteele-Vanneuville (Louisville/ London: Westminister John Knox Press, 2001).

23 Ara per eżempju Ġw 7:31.

24 Ara Ġw 7:32.

25 Ġw 7:33.

26 Ġw 8:21.

27 Ġw 12:35.

28 Ġw 13:33. Ara wkoll 14:19; 16:16-22.

29 Ġw 7:35-36.

30 Ara C.K. Barrett, The Gospel according to St. John (London: SPCK, 1978), 268.

31 Ara Raymond E. Brown, The Gospel according to John 1-XII. Anchor Bible 29 (Garden City/New York: Doubleday, 1966), 1:348.

32 Prov 1:28.

33 Dwar dan il-punt ara, D. Mollat, L'évangile et les epîtres de Saint Jean (Paris: Ed. Du Cerf, 1973), 126.

34 Ara Ġw 21:31. Ara wkoll 5:21-27.

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

# TIĠDID
## L-ART IMQADDSA
## 2022




## ABBONAMENT:
## €10 fis-sena
## €15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2022

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt




*Bażilika tal-Annunzazzjoni - il-faċċata - Ritratt: Andrè Mangion*